MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru. 756/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**Vs**

**Teresa sive Tessie Fenech 43 sena mart Joseph (separate) bin Emanuel Bugeja u Francesca nee` Camilleri mwielda fil-Pieta' fil-11 ta' Ottubru, 1962 u li toqghod fil-fond bl-isem 'Welcome House' Triq Santa Maria Mgarr Malta Dentitrici tal-karta tal-Identita bin-numru 401462(m).**

**<u>Illum 21 ta' Ottubru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra Teresa vie Tessie Fenech u cioe' talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Lulju, 2005 u fix xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati

b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jinstemghu bil-procedura sommarja.

Rat li l-akkuzata ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzata rregistrat ammissjoni ghall-akkuza kif dedotta anke wara li nghatat id-debitu zmien biex tahseb fuq l-istess.

Rat il-Fedina Penali taghha li hija ghal kollox netta.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Ghaldaqstant qed issibha hatja tar-reat taht l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------